MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 488/2003

**David Scerri**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u**
**PL Mario Mifsud Bonnici b'digriet tal-21 ta' Novembru 2002 nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Iryna Petrivna Scerri nee Fech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Mejju 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, il-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Lulju 2002, kif jidher mic-certifikat li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. "DS1";

Illi, minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment minhabba adulterju, sevizzi, krudelta w abbandun da parti tal-konvenuta;

Illi, l-attur gie debitament awtorizzat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn martu l-konvenuta permezz ta' digriet numru 430/03 datat 29 ta' Ottubru 2002 li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "DS2";

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenuta *stante* adulterju, sevizzi, ingurji, krudelta w abbandun da parti taghha;

2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti kollha tal-**Artikolu 40, 48, 51** u **52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta;

4. Tawtorizza lill-attur jghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab 87 Dreams Triq il-Ghajn, Swieqi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk relatati mal-proceduri stitwiti quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attur fis-6 ta' Gunju 2003, fejn gie mitlub jelenka fil-qasir il-pretensjonijiet tieghu, bin-notifika tal-kontro-parti li wkoll

permezz ta’ nota guramentata ghandha tindika fejn ma taqbilx.

Rat id-digriet tal-affadavit moghti wkoll lill-attur, fis-6 ta’ Gunju 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur disghin (90) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista’ permezz tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati datata 12 ta’ Awissu 2003 a fol. 18 tal-process fejn ecipew bir-rispett:

1. Illi, huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Ottubru 2003 fejn Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur li nforma lill-Qorti li kiteb lill-konvenuta fl-indirizz li nghatalu u baqa’ bla risposta. Il-Qorti konfermat d-digrieti taghha tas-6 ta’ Gunju 2003 b’terminu ta’ 10 t’ijiem ghall-digriet ta’ nota guramentata u 30 gurnata ghall-digriet tal-affidavit attrici, fejn it-termini jibdew jghoddu minn dik il-gurnata.

Rat in-nota tal-konvenuti kuraturi deputati, datata 31 ta’ Ottubru 2003, a fol. 21A tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 5 ta’ Novembru 2003, a fol. 21C.

Rat in-nota tal-attur datata 12 ta’ Novembru 2003, a fol 22 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota tal-attur datata 17 ta’ Frar 2004 a fol. 26 tal-process li permezz taghha ddikjara li ma ghandux provi izjed.

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Marzu 2004.

Rat li l-konvenuta *nonstante* li notifikata ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghat kontumaci.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI

Rat l-affidavit tal-attur **David Scerri,** a fol. 23 tal-process, li gie prezentat premezz ta' nota datata 12 ta' Novembru 2003. Il-konvenuta *nonostante* li 'nghata diversi opportunitajiet baqa' ma ressqet l-ebda provi, u allura din il-Qorti sejra taghti d-decizjoni taghha fuq il-provi li hemm provduti biss min-naha tal-attur.

### II) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Lulju 2002 u fit-30 ta' Lulju 2002 il-konvenuta telqet lura f'pajjizha Odessa fl-Ukranja u minn hemm baqghet ma rritornatx. Dan ifisser li l-partijiet lanqas ghamlu sebgha u ghoxrin (27) gurnata flimkien. Ghalhekk jidher car li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba li bil-Malti l-konvenuta abbandunat lill-attur, u dan jikkostitwixxi kaz ta' eccessi u mohqrija da parti tal-konvenuta skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 40**, anke' ghaliex peress li ghadhom m'ghaddewx sentejn din il-Qorti ma tistax tapplika **artikolu 41 tal-Kap 16**.

Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha b'dan li jigi dikjarat li l-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghandu jigi applikat *in toto* kontra l-konvenuta, u ghall-fini tal-**artikolu 48 (1) (c)** id-data applikabbli hija dik tat-30 ta' Lulju 2002.

Illi dwar it-tielet talba, il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta b'effett mit-30 ta' Lulju 2002 u jigi dikjarat li m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz peress li mill-

provi jirrizulta li ma kien hemm xejn ta' valur fl-istess komunjoni.

Illi fil-fatt il-fond 87, "Dreams", Triq il-Ghajn, Swieqi, flimkien ma' dak kollu li hemm fiha u l-vettura Reg. No. BAC-967 hija proprjeta' parafernali tal-attur, u l-konvenuta kwindi m'ghandha ebda dritt fuq l-istess. Fl-istess waqt l-istess immobbli m'ghandhomx jibqghu jigu kkonsidrat bhala d-dar matrimonjali b'dan li l-konvenuta m'ghandha ebda dritt kwalunkwe ghall-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn fuq deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenuta konsistenti sevizzi, eccessi, u krudelta *ai termini* tal-**artikolu 40 tal-Kap 16**.

2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti kollha tal-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *in toto.*

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett mit-30 ta' Lulju 2002 u jigi dikjarat li m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess peress li l-komunjoni tal-akkwisti ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur;

4. Tawtorizza lill-attur jghix esklussivament fid-dar li tinsab 87, "Dreams", Triq il-Ghajn, Swieqi, b'dan li l-konvenuta m'ghandha l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------